



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Lulju 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0047 (COD)

6799/1/20
REV 1

EF 38
ECOFIN 187
CODEC 181
PARLNAT 50

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji -Adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2020

DIRETTIVA (UE).../...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swiegq fl-istrumenti finanzjarji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 367, 10.10.2018, p. 65.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Marzu 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-20 ta' Lulju 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-finanzjament kollettiv hija soluzzjoni ta' teknoloġija finanzjarja li tipprovdi lill-intrapriżi żgħar u u ta' daqs medju (SMEs) u, b'mod partikolari, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu, b'aċċess alternattiv għall-finanzjament sabiex tiġi promossa l-intraprenditorija innovattiva fl-Unjoni, u b'hekk tissaħħaħ l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Din imbagħad tikkontribwixxi għal sistema finanzjarja aktar diversifikata li tkun inqas dipendenti fuq il-finanzjament bankarju, u għalhekk tillimita r-riskji sistemiċi u ta' konċentrazzjoni. Benefiċċji oħra tal-promozzjoni tal-intraprenditorija innovattiva permezz tal-finanzjament kollettiv huma r-rilaxx ta' kapital iffriżat għal investiment fi proġetti ġodda u innovattivi, l-aċċellerazzjoni tal-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u diversifikazzjoni tal-assi.
- (2) Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁺ jistabbilixxi rekwiżiti uniformi, proporzjonati u applikabbli direttament għall-forniment ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, għall-organizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, għall-operat ta' pjattaformi ta' finanzjament kollettiv, kif ukoll għat-trasparenza u l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv fl-Unjoni.

¹ Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L..., ... p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST .../... (2018/0048(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

- (3) Sabiex tingħata ċertezza legali fir-rigward tal-persuni u l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE).../...⁺⁺ u tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ rispettivament, u sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-istess attività tkun soġġetta għal awtorizzazzjonijiet multipli fi ħdan l-Unjoni, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi awtorizzati bħala fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv skont ir-Regolament (UE) .../...⁺⁺ jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE.
- (4) Billi l-emenda prevista f'din id-Direttiva hija direttament marbuta mar-Regolament (UE) .../...⁺⁺, jenħtieġ li d-data minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva tiġi differita sabiex tikkoinċidi mad-data tal-applikazzjoni stabbilita f'dak ir-Regolament,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST .../... (2018/0048(COD)).

¹ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, jiżdied il-punt li ġej:

"(p) fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv kif definiti fil-punt (e) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) .../...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

* Regolament (EU) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L...).".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST .../... (2018/0048(COD))], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST .../... (2018/0048(COD))].

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tat- Titoli u s-Swieq (ESMA) it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST .../... (2018/0048(COD)) u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President